# **Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 48/2016

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Caruana**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Joseph Caruana, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 241470M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn it-30 t'April, 2015 u it-28 ta' Mejju, 2015 f'dawn il-Gzejjer naqas milli jaghti lil Maria Anna Caruana, is-somma, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Jannar, 2016 li biha sabet lill-appellant hati w kkundannatu ghal xahar detenzjoni .

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Caruana, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn instabet htija, thassar l-istess sentenza appellata, limitament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' xahar detenzjoni u minflok tinfliggi piena alternattiva minn dik karcerarja.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi fis-seduta tal-lum, l-parti civili kkonfermat illi l-appellant ssalda d-debitu tieghu mertu tal-kawza li tat lok ghall-appell odjern;

2. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut ;

3. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi biss, l-appell jimmerita li jkun milqugh u ghalhekk tghazel illi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu

ta’ xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-piena ta’ hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.

Giovanni Grixti
Imhallef